# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 8 t' Ottubru 2014, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl qal illi s-Sindku għandu jitlob lill-pulizija biex jagħtu updates fuq l-kazijiet pendenti li hemm fil-konfront tal-individwi li nqabdu jagħmlu abbuzi fir-raħal ta' Ħal Safi bis-CCTV tal-Kunsill [ref punt 3.1]. Is-Sindku qal illi jkun jista jagħti informazzjoni biss meta s-sentenza tal-qorti tkun pubblika imma qal illi ma jħossx illi għandu jitlob għall-ismijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ismijiet tal-individwi mhumiex prijorita izda qal illi għandna nara riżultati għall-investiment li għamilna. Qal illi jixtieq ikun jaf ukoll mil-liema lokalita jiġu l-individwi, waqt illi għamel talba biex il-Kunsill jiltaqa mal-ispettur. Is-Sindku qal illi se jitlob għal informazzjoni rigward il-kazijiet pendenti.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk is-Sindku jista jiċċara jekk ħallasna lil kuntrattur li naddaf il-Bring In Sites ta' triq il-Kuċċard [ref punt 3.1] peress illi s-Sindku qal illi dan ix-xogħol ma sarx mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi x-xogħol sar mis-sur Gaetano Galea u li dan ma talab l-ebda sold mill-Kunsill. Is-Sindku żied illi l-kuntrattur tal-Kunsill m'għamilx dan ix-xogħol u kieku għamilna talba biex jagħmel ix-xogħol illi kellu jagħmel xorta waħda skond il-kuntratt tiegħu, kien jagħmel talba għal ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġimgħa qabel il-laqgħa kien bagħat emajl, u kien iltaqa mal-kuntrattur biex juri n-nuqqasijiet tiegħu skont il-kuntatt tiegħu u dan aċċetta li għandu jibda jieħu l-boroz li huma madwar il-Bring In Sites. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi default notices għandhom joħorġu wara li jsir qbil fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda default notice izda urejna lill-kuntrattur biss x'inhuma l-obbligi tiegħu. Is-Sindku żied li l-kuntattur ħa t-tagħlima.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel referenza għall-punt 3.1 tal-laqgħa preċedenti fejn il-kunsilliera qablu li l-wardens għandhom ikunu preżenti f'ċerti partijiet tar-raħal, fosthom fejn l-ATM, fejn il-Convenience Store u Żurrieq Road c/w triq il-Ħajt Ruman. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-ġurnata tal-laqgħa kienu triq il-Ħajt Ruman, waqt illi s-Sindku kkonferma li huma deħlin fl-areas li xtaqna l-prezenza tagħhom.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex jiċċara l-proċedura tal-WSC fir-rigward tad-diskors li sar fl-aħħar laqgħa [punt nru 3.4], il-WSC ikonfermaw illi m'għadhomx jaħdmu bl-istess sistema bħal qabel fejn il-Kunsilli kienu jieħdu kumpens għax-xogħolijiet li jagħmlu fil-lokalita. Issa huma jiġu jħallsu għall-permess biex jagħmlu xogħolijiet fl-irħula, jew inkella juzaw kuntratturi tal-manutenzjoni tat-toroq tal-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li b'hekk aħna għandna noqogħdu nagħmlu l-manutenzjoni għall-ħsarat illi jħallu wara li jagħmlu x-xogħol. Għamel talba biex niltaqgħu ma rapprezentant tal-WSC. Is-Sindku qal illi jifhem illi għandna niltaqgħu ma kumpaniji oħra li jagħmlu xogħolijiet simili taħt l-art.

3.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula u l-kunsillier Carlo Stivala qalu li meta jsiru żbalji bħal ma saru fil-fuljett, dan jirrifletti ħażin fuq il-Kunsill [ref punt 3.5]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi n-nies jaħsbu li dawn l-izbalji jsiru mill-kunsilliera. Is-Segretajru Eżekuttiv għamel talba biex il-kunsilliera kollha jagħtu l-messaġġi tagħhom fil-ħin fl-edizjonijiet li jmiss, biex b'hekk ikun hemm izjed opportunitajiet biex dawn l-izbalji ma jsirux.

3.6 Il-kunsilliera qablu li l-pulizija m'għamlux xogħolhom sew waqt il-festa [ref punt 3.6] peress illi karozzi kienu telgħin waqt il-purċisjoni u ħadd minnhom ma waqqafhom. Is-Sindku qal illi kien hemm

barriers izda xi ħadd neħħihom. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kull sena naraw l-istess problema, waqt illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta jemmen illi kellhom iwaqqfu t-traffiku.

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-ġardinar u l-ħaddiema tal-Kunsill għadhom qegħdin jaqtgħu il-ħaxix ħażin fir-raħal. Is-Sindku kkonferma li qegħdin jaħdmu u li issa qegħdin jaħdmu l-area tal-Ħlantun sa Ħal Far. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm problema lejn Ħal Far għax fil-parti d-dejqa karrozzi għandhom diffikulta biex jidħlu bil-ħaxix ħażin li hemm. Il-kunsillier Publius Adbilla qal illi rahom jaħdmu dawn in-naħat. Is-Sindku qal illi x-xogħol miexi.

3.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bzonn nduru naqra t-tabelli madwar ir-raħal għax hemm ħafna minnhom illi għandhom bzonn il-manutenzjoni jew jinbidlu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li diġa tkellmu ftit ilu fejn huwa l-ħsieb tagħhom li l-Kunsill joħroġ tender għal dawn ix-xogħolijiet.

3.9 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk hemm perikolu fejn qed isir ix-xogħol f’triq San Tumas [3.9]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dejjem se jkun hemm sakemm ilestu x-xogħol. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nkunu ċerti li nevitaw kull periklu li jista jkun eżistenti meta nagħtu permessi u reġa semma l-problema fejn qed isir ix-xogħol fl-isqaq Ħannux. Għamel talba wkoll għall-informazzjoni ta’ meta sar l-aħħar ħlas għal permess għax-xogħol illi qed isir f’triq Irqajja fejn hemm Tower Crane, għaliex issa hemm ukoll containers. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu rahom ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara meta ħa l-aħħar permess u għal xiex ħallas.

3.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-ħarġa kulturali [ref punt 5.4] se ssir fl-31 t’Ottubru. Il-prezz se jinkludi d-dħul tal-mużewijiet, kif ukoll ikla u trasport.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mas-sinjorina Brincat li tixtieq toffri lezzjonijiet tal-bizilla fis-sala tal-Kunsill. Hi qalet li l-istudenti għandhom iħallsu bejn €50 u €55 għal 10 lezzjonijiet ta’ sagħtejn. Qalet illi tkun tista tagħti lezzjonijiet nhar it-Tlieta filgħaxija jew kull filgħodu. Il-kunsilliera qablu li lezzjonijiet isiru jekk hemm ammont ta’ studenti mir-raħal stess.

3.12 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar update rigward il-proġett tal-Ħlantun. Is-Sindku qal illi kien hemm nuqqas ta’ ftehim bejn il-Perit u l-kuntrattur u għalhekk hemm dan id-dewmien.

3.13 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi saru l-bins fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat wara li għamilna talba għalihom zmien ilu.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bdew il-lezzjonijiet tal-LifeLong Learning fis-sala tal-Kunsill. S'issa hemm it-Taljan kull nhar ta' Tnejn u Accounts kull nhar ta' Ħamis.

## 4. Payment Approval Sheet

4.1 **Floodlights:** Il-Viċi Sindku staqsa jekk it-€328.13 kienu għall-floodlight biss [grawnd tal-Kunsill]. Il-floodlight tiswa dak il-prezz.

4.2 **Cleaning services: Pasta Night:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa minn organizza l-pasta night għal xiex il-Kunsill qed iħallas għal cleaning services. Kien qed jagħmel referenza għall-Pasta Night tan-Nursery.

## 5. Korrespondenza

5.1 **Seminar**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm is-seminar annwali għas-Sindki u kunsilliera nhar il-Ġimgħa 17 u s-Sibt 18 t'Ottubru fid-Dolmen Hotel. Il-kunsilliera għandhom jikkonfermaw l-attendenza tagħhom sat-Tnejn 13 t'Ottubru.

5.2 **Malta Olympic Committee:** Il-Kunsill se jibgħat detalji tal-attivitajiet sportivi li saru matul is-sena lil MOC li se jagħtu premji għal dawk il-lokalitajiet illi joffru l-aħjar għażla t'attivitajiet sportivi għall-poplu Malti.

5.3 **Zumba:** Is-Segretarju Eżekuttiv qara emajl mis-sur Ramon Farrugia li għamel talba biex juża s-sala tal-Kunsill biex joffri lezzjonijiet taz-Zumba lin-nies ta' Ħal Safi u ta' madwar peress illi diġa għandu ħafna studenti fl-area. Il-Kunsill aċċetta li jsiru dawn il-lezzjonijiet jekk ikun hemm domanda qawwija ta' residenti mir-raħal li jixtieqeu jattendu. Fl-istess ħin is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob izjed informazzjoni mis-sur Farrugia rigward dawn il-klassijiet li kieku għandhom isiru kull nhar ta' Sibt filgħodu.

5.4 **CCTV:Reġjun:** Wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla, is-Sindku qal illi r-Reġjun qegħdin joffru fondi għas-CCTV's [il-Kunsill kien diġa sema dwar dawn il-fondi fil-passat]. Is-

Sindku qal illi issa hemm fondi wkoll għal AED's u li l-Kunsill se jakkwista tnejn [1 viċin il-grawnd u 1 fejn Misraħ San Ġużepp].

5.5 **Ilment: Maria Sammut:** Il-kunsillier Carlo Stivala talab izjed informazzjoni rigward is-suġġett imsemmi "ilment". Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sinjura Sammut qalet illi l-kuntrattur tal-Waste Collection ma ġabarx il-boroz tagħha darbtejn. Is-Sindku qal illi sema li s-sinjura qed toħroġ il-boroz tard u għalhekk il-kuntrattur ma jistax jieħu t-tort.

5.6 **Kunsill Lokali Żurrieq:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talbu l-permess tal-Kunsill biex nagħlqu l-parti tagħna ta' Żurrieq Road biex jagħmlu attivita fit-12 t'Ottubru. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jekk qegħdin jitolbu l-permess tagħna jemmen illi qegħdin jikonoxxu li taqgħa taħt il-konfini tagħna, opinjoni li qablu miegħu l-kunsilliera kollha. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fir-ritratt li lestew għall-attivita, tlett kwarti tal-area fir-ritratt huwa ta' Ħal Safi.

5.7 **Move Week: Pamela Schembri:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajl tas-sinjorina Schembri fejn bagħtet informazzjoni għall-attivitajiet ta' Move Week, fejn f'Ħal Safi n-Nursery lagħbu logħba ta' 5-a-side fil-Pjazza tar-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta fuq in-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-kunsilliera rigward l-attivita. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi n-nies bdew jitolbu raġuni mingħandu għalfejn il-Pjazza kienet magħluqa u ma setax jagħti risposta. Qal illi kienu r-residenti li kellhom jgħidulu dwar l-attivita. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dawn l-affarijiet qegħdin isiru spiss. Is-Sindku qal illi kienet attivita tan-Nursery u li ebda kunsillier ma kien jaf. Qal ukoll illi l-Kunsill sar jaf tard ħafna.

## 6. Kuntratt tal-iskamel

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-estratt tal-kuntratt tal-kuntratt tal-iskamel li ta lill-kunsilliera flimkien mad-dokumenti l-oħrajn tal-laqgħa. Is-Sindku qal illi jidher ċar illi l-kuntrattur għandu jnaddaf sa tlett metri 'l bogħod mill-Bring In Sites [xogħol illi ma kienx qed jagħmel]. Bħal ma kien imsemmi f'punt preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv diġa tkellem mal-kuntrattur rigward dan in-nuqqas skond il-ftehim illi hemm fil-kuntratt preżenti.

**7. Extra Skip: deċiżjoni wara d-diskors tal-aħħar laqgħa**

7.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk nżidu l-ammont ta' skips inkunu qegħdin inħalsu l-kuntrattur tal-iskamel għal xejn

7.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm areas fejn l-iskips ħallew impatt pożittiv [bħal triq San Ġorġ] u għandna nżommu l-iskips li hemm, li għenu biex inaqqsu l-abbuzi, fejn qegħdin. Issuġerixxa li l-oħrajn imexxuhom fejn il-BIS's. Is-Sindku ma qabilx mas-suġġeriment għax qal illi nispiċċaw b'wisq skips fl-areas fejn hemm BIS bħalissa.

7.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qabel illi nżommu l-iskips li għenu biex insolvu l-problemi tal-ħmieġ fir-raħal.

7.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jekk nagħmlu skip wara kull talba li ssir nispiċċaw ikolna ngħidu iva lil kulħadd u jkun hemm skips madwar ir-raħal. Qal illi tal-iskamel jiġi ħames darbiet fil-ġimgħa u ma jarax għalfejn għandna nżidu mal-ammont ta' skips li hemm eżisteni.

7.5 Is-Sindku qal illi jekk hemm bzonn ineħħu l-iskips ta' triq il-Feniċi u mmexxuhom. Il-kunsilliera l-oħra qablu mas-suġġeriment. Is-Sindku qal ukoll illi jifhem illi m'hemm għalfejn inżidu l-ammont ta' skips fir-raħal izda li ma jaqbilx illi għandna nneħħu skips mir-raħal.

7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li jkollna nħallsu għall-iskip kieku l-kunsilliera jiddeċiedu li nżidu oħra f'triq in-Nassaba. Staqsa lill-kunsilliera biex jagħtu l-vot tagħhom favur jew kontra l-kirja tal-iskip għal triq in-Nassaba [wara d-diskors li sar waqt din is-seduta, kif ukoll fis-seduta preċedenti]. Il-kunsilliera kollha vvutaw kontra d-deċiżjoni li nieħdu l-iskip.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

**Is-Sindku Francis Callus:**

8.1 Qal illi l-għada tal-laqgħa se jmur sa Veneto, flimkien ma rappreżentant ta' Agrimalt Ltd biex jippromwovu il-prodott lokali tal-ġulepp waqt fiera internazzjonali. Dan il-vjaġġ se ssir minn fondi tal-Gal Xlokk wara li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet milqugħa [il-kunsilliera saru jafu fil-laqgħa preċedenti].

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:**

8.2 Irrepeta t-talba tiegħu għal laqgħa mal-Perit.

**Il-kunsillier Publius Abdilla:**

8.3 Staqsa jekk il-kunsilliera kienu jafu dwar konfront li sar bejn ġenituri u l-kap tal-iskola. Żied illi jekk hemm xi tfixkil għandna nagħtu l-għajnuna tagħna lill-kap tal-iskola. Is-Sindku qal illi ma kien jaf b'xejn u li ma nidħlux fl-affarijiet tal-iskola.

8.4 Fakkar dwar il-problema tal-ilma fl-inħawi Ta' Ġawħar u żied illi issa bix-xita se jkun hemm ħafna problemi bl-ilma fl-area. Is-Sindku qal illi ħa nota tax-xogħol illi rrid isir izda qal mhux possibli li nagħmlu x-xogħol malajr.

8.5 Qal illi hemm bozza li baqgħet ma xegħlietx fl-inħawi Ta' Ġawħar avolja l-kuntrattu ilhu jmur fl-area biex jara minn fejn ġejja l-problema. Qal illi l-kuntrattur għandu jġib generator miegħu biex jara liema bozza mhux qed tixgħel peress illi jiġi matul il-ġurnata meta jkunu kollha mitfijin.

**Il-kunsillier Carlo Stivala:**

8.6 Staqsa jekk il-ħajt tas-sejjieħ ta' triq Pio Zammit huwa propjeta tal-Kunsill. Is-Sindku rrisponda fin-negattiv.

**Il-Viċi Sindku Johan Mula:**

8.7 Ikkonferma li l-kors tad-Drama se ssir kull nhar ta' Tlieta bejn l-4pm u l-5.30pm. L-ewwel lezzjoni se ssir fl-21 t'Ottubru.

8.8 Qal illi rċieva lment rigward il-pompa tal-futbol tal-grawnd. Is-Sindku qal illi jaf bil-problema u qal illi min jieħu ħsieb il-grawnd qed jagħti tort lill-kowċes tan-Nursery u viċi versa. Il-Viċi Sindku qal illi l-kuntrattur jemmen illi l-kowċes mhux qegħdin idaħħlu l-labra sew u b'hekk qegħdin jagħmlulhom il-

ħsara. Is-Sindku qal illi avza l-kowċes illi t-tfal m'għandhomx juzaw il-pompa u żied illi ordnajna labar oħra apposta.

8.9 Qal illi l-kowċes tal-futbol resqu talba biex il-Kunsill jagħmel lockers fil-kamra fejn hemm is-showers biex ma joqogħdux iduru mal-grawnd biex juzaw l-equipment room eżistenti [fid-daħal tad-Day Centre] peress illi issa qegħdin jidħlu fil-grawn minn naħa l-oħra. Is-Sindku qal illi jaqbel mas-suġġeriment u żied illi l-equipment room tista tintuza bħala storage issa.

**Is-Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard:**

8.10 Qal illi ltaqa mal-kuntratturi l-ġodda tal-istreet sweeping u tal-Bulky Refuse. Qal illi l-ebda wieħed ma kellu problemi mal-ispecific conditions tal-Kuntratt. Qal illi tal-Bulky Refuse għamel talba biex jibda x-xogħol izjed tard mit-8am izda s-Segretarju Eżekuttiv ma kkonfermax miegħu li jista, waqt illi tah spjegazzjoni għalfejn aħna noffru s-servizz kmieni filgħodu. Qal ukoll illi fl-ispecific conditions il-kuntrattur kellu jara illi x-xogħol isir filgħodu. Il-kunsilliera ma qablux illi l-kuntrattur jibda fit-12 u qalu li sa 8am irid jibda x-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jgħaddi l-messaġġ lill-kuntrattur.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-22 t'Ottubru 2014 fl-4pm .

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard